# Qorti tal-Magistrati (Malta)

## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Matthew Grech]**

**vs**

**Abdulmohaimen A Ab Ae Hadiri**

**Illum, 16 ta' Novembru, 2020**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imsemmi Abdulmohaimen A Ab Ae Hadiri detentur tal-permess tar-Residenzja Maltija bin-numru 111235A.

Akkuzat talli nhar is-sebgha u ghoxrin (27) ta' Jannar 2020 ghall-habta tal-hdax u ghaxra ta' filghaxija (2310hrs) u l-hinijiet ta' qabel gewwa Triq Santa Margerita, San Gwann:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed l-hajja ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria f'periklu car, ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha taghhom, liema griehi huma ta' natura hafifa;

   *Artikoli 214, 215 u 221(2) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

2. Talli ha sehem jew involva ruhu f'reat liema reat sar minn tlieta minn nies jew izjed migmughin flimkien bil-hsieb li jaghmlu reat, fejn tnejn minnhom kienu fil-pussess jew kellhom fuqhom armi regolari;

   *Artikoli 63, 64 u 65 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

3. Hebb kontra l-persuna ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria sabiex jingurjahom, idejjaqhom jew jghamillhom l-hsara;

   *Artikoli 339(1)(d) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

4. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded lil Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria, b'gebel jew oggett iehor iebes jew waddab jew qabad xi arma sabiex ihebb ghalihom;

   *Artikoli 339(1)(b) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

5. Garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun minghajr ma kellhu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

   *Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

6. Kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

   *Artikoli 338(dd) tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Il-Qorti giet mitluba tohrog Ordni ta' Protezzjoni kontra l-akkuzat sabiex jipprovdi ghas-sigurta' ta' Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria, jew ghaz-zamma tal-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna leza jew ta' individwi ohra minn fastidju jew imgiba ohra li

tikkaguna biza' ta' vjolenza, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta' tal-vittmi Moatz Ali Al-Harbi Anwasri u Mohamed Abdul Moutaleb Dreria.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-artikoli ndikati u cioe' l-Artikoli 214, 215, 221(2), 63, 64, 65, 339(1)(d), 339(1)(b), 6, 51(7), 338(dd), 412C, 383, 384, 385 u 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni u stante li l-fedina hija wahda netta, il-Qorti qed issib lill-imputat Abdulmohaimen A Ab Ae Hadiri hati tal-

akkuzi kollha kif dedotti u minflok tinfliggi piena timponi ordni taht l-Artikolu 7 tal-Kap. 446 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal tliet (3) snin u Ordni ta' Protezzjoni taht l-Artikolu 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal sena, kif ukoll liema ordnijiet qedghin jigu annessi ma' din is-sentenza.

Finlament spjegat fi kliem semplici lill-imputata r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**